**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**vs.**

**Bjorn Borg**

Numru: 135/2017

Illum sitta (6) ta' April 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Bjorn Borg**, ta' tlieta u tletin (33) sena, imwieled nhar l-20 ta' Jannar 1983 gewwa l-Pieta', iben Joseph Borg u Dolores Montreal, residenti Seaview Flat, Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar u/jew Dar ir-Risq, Block C, Flat 8, Triq it-Tarzna, Isla, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 83283M akkuzat talli:

1. nhar il-11 ta' Dicembru 2016, ghall-habta tad-09:30hrs u fi zminijiet qabel gewwa Till Late (Arrivals) l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminiijet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' proprjeta' (diversi fwejjah) ghad-dannu ta'

Miller Group, liema serq huwa ta' izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan *ai termini* tal-Artikoli 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. nhar l-20 ta' Marzu 2017, ghall-habta tas-16.00hrs u gewwa Convenience Shop, Triq il-Labour, Naxxar, ikkommetta serq ta' proprjeta' (Inecto Lotion) liema serq mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan *ai termini* tal-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 3 *et seq.*), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li nghata zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 3 *et seq.*), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' April 2017 id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja u rat il-*Pre-Sentencing Report* (Dok. "AB 1") redatt mill-imsemmija Ufficjal tal-*Probation*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u ghalhekk dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura ta' dawn ir-reati, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-istqarrija (Dok. "SM 4" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, il-*Pre-Sentencing Report* (Dok. "AB 1") redatt mill-Ufficjal tal-*Probation*, id-depozizzjoni tal-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja u, kif ukoll, il-fedina penali (Dok. "SM 1" – *a fol.* 8 *et seq.*) tal-imputat (li jirrizulta li hija wahda refrattarja u minn liema jirrizulta li l-imputat diga nstab hati ta' reati simili ghal dawk tal-kawza odjerna). Il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha msemmija hawn fuq, il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Bjorn Borg hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-hati l-ghajnuna kollha mehtiega minhabba l-problema ta' droga li ghandu.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li jirrizulta li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proceduri.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**